DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/179

tal-4 ta' Frar 2015

li tawtorizza lill-Istati Membri sabiex jipprovdu għal deroga minn ċerta dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE rigward il-materjal tal-injam tal-koniferi (*Coniferales*) għall-ippakkjar fil-forma ta' kaxxi tal-munizzjon li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerika taħt il-kontroll tad-Dipartiment tad-Difiża tal-Istati Uniti tal-Amerika

(notifikata bid-dokument C(2015) 445)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE tat-8 ta' Mejju 2000 dwar il-miżuri protettivi kontra l-introduzzjoni ġewwa l-Komunità ta' organiżmi ta' ħsara għall-prodotti tal-pjanti u kontra t-tixrid tagħhom ġewwa l-Komunità [1], u b'mod partikolari l-ewwel inċiż tal-Artikolu 15(1) tagħha,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2000/29/KE flimkien mal-punt 2 tat-Taqsima I tal-Parti A tal-Anness IV tagħha, l-Istati Membri għandhom jipprojbixxu l-introduzzjoni ta' materjal tal-injam għall-ippakkjar fl-Unjoni sakemm ma ġiex soġġett għal trattament fitosanitarju approvat kif speċifikat fl-Istandard Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji Nru 15 [2] u jkollu marka, kif speċifikat fl-istess Standard, li tindika li l-materjal tal-injam għall-ippakkjar kien soġġett għal dan it-trattament fitosanitarju. Skont l-Artikolu 15(1) ta' dik id-Direttiva, madankollu, jistgħu jingħataw derogi minn dawk id-dispożizzjonijiet jekk ikun stabbilit li ma jkunx hemm riskju ta' tifrix ta' organiżmi ta' ħsara.

(2) Ċertu materjal tal-injam tal-koniferi (*Coniferales*) għall-ippakkjar fil-forma ta' kaxxi attwalment użat fit-trasport tal-munizzjon, li kienu mmanifatturati sa mhux aktar tard mill-31 ta' Awwissu 2007 u li joriġinaw mill-Istati Uniti, ma jissodisfax il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2000/29/KE flimkien mal-punt 2 tat-Taqsima I ta' Parti A tal-Anness IV tagħha. Minn issa 'l quddiem dawn il-kaxxi jissejħu "il-kaxxi".

(3) Abbażi tal-informazzjoni mogħtija mill-Istati Uniti, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-kaxxi ma jippreżentaw l-ebda riskju ta' tixrid ta' organiżmi li jagħmlu l-ħsara, sakemm jintlaħqu ċerta kundizzjonijiet li jikkonċernaw in-nuqqas jew il-preżenza limitata tal-qoxra tas-siġar, it-trattament u t-tiswija tal-kaxxi kif ukoll il-ħżin u t-trasport tagħhom.

(4) Għaldaqstant,l-Istati Membru huma awtorizzati li jħallu l-kaxxi jidħlu, kif ukoll jinħażnu u jinġarru fit-territorju tagħhom sakemm il-kundizzjonijiet imsemmija fil-premessa 3 huma sodisfatti, filwaqt li d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2000/29/KE għandhom japplikaw wara li jkunu vojta.

(5) Sabiex jiġu żgurati kontrolli effettivi u ħarsa ġenerali tar-riskji fitosanitarji potenzjali, kwalunkwe persuna li tittrasporta jew taħżen il-kaxxi wara li jsiru l-verifiki msemmija fit-termini ta' promulgazzjoni għandha tavża lill-korp uffiċjali responsabbli dwar dan it-trasport jew ħżin u l-kaxxi konċernati.

(6) L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lil xulxin u l-Kummissjoni meta jsiru jafu dwar kunsinna li ma tissodisfax il-kundizzjonijiet imsemmija fil-premessa 3. Huma għandhom, fuq bażi annwali, jipprovdu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra l-informazzjoni dwar l-importazzjonijiet li jkunu saru, sabiex tivvaluta l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

(7) B'kunsiderazzjoni tar-raġunijiet għad-deroga, huwa xieraq li tġi awtorizzata għal perjodu ta' tliet snin.

(8) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal- Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

[1] ĠU L 169, 10.7.2000, p. 1.
[2] ISPM 15. 2009. Regolamentazzjoni tal-materjal tal-injam għall-ippakkjar fil-kummerċ internazzjonali. Ruma, l-IPPC, FAO.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-awtorizzazzjoni biex tingħata deroga

B'deroga mill-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2000/29/KE flimkien mal-punt 2 tat-Taqsima I ta' Parti A tal-Anness IV ta' dik id-Direttiva, l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw l-introduzzjoni ta' materjal tal-injam tal-koniferi (*Coniferales*) għall-ippakkjar fil-forma ta' kaxxi fit-territorju tagħhom, attwalment użati fit-trasport tal-munizzjon, li kienu mmanifatturati sa mhux aktar tard mill-31 ta' Awwissu 2007 u li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerika taħt il-kontroll tad-Dipartiment tad-Difiża tal-Istati Uniti, minn issa 'l quddiem "il-kaxxi", li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stipulati fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

L-obbligu ta' notifika

1. Tal-inqas ħamest ijiem tax-xogħol minn qabel, l-importatur għandu javża l-korp uffiċjali responsabbli tal-Istat Membru jew l-Istati Membri tal-punt tad-dħul u l-ewwel post tal-ħżin, li ma jkunx il-punt tad-dħul, dwar l-intenzjoni tiegħu li jdaħħal kunsinna.

2. In-notifika msemmija fil-paragrafu 1 għandu jkollha l-elementi li ġejjin:

(a) id-data prevista tal-introduzzjoni;

(b) l-inventarju tal-kunsinna kkonċenata li jidentifika l-kaxxi li jagħmlu parti minnha;

(c) l-isem u l-indirizz tal-importatur;

(d) il-punt tad-dħul tal-introduzzjoni prevista;

(e) l-indirizz tal-ewwel post ta' ħżin, li ma jkunx il-punt tad-dħul.

Artikolu 3

Il-kontrolli mill-korpi uffiċjali responsabbli

Il-korp uffiċjali responsabbli tal-Istat Membru tal-ewwel post tal-ħżin, li ma jkunx il-punt tad-dħul, għandu jivverifika l-konformità ta' kampjun rappreżentattiv ta' kull kunsinna mal-punti li ġejjin tal-Anness:

(a) punti (1) u (2) dwar il-wiri tal-marki rispettivi;

(b) punt (4) dwar il-qoxra libera tas-siġar;

(c) punt (5) dwar il-livell tal-kontenut tal-umdità;

(d) punt (7) dwar id-dokument ta' akkumpanjament.

Artikolu 4

Il-ħżin u t-trasport

1. Qabel u wara t-twettiq tal-kontrolli, kif imsemmi fl-Artikolu 3, il-kaxxi għandhom jibqgħu maħżuna f'bini magħluq.

2. F'każ li l-kaxxi jinġarru qabel jew wara l-kontrolli, kif imsemmi fl-Artikolu 3, għandhom jinġarru f'kontenituri magħluqa, jew taħt għata protettiva sħiħa.

3. F'każ li l-kaxxi jinġarru wara l-kontrolli, kif imsemmi fl-Artikolu 3, il-persuna li ġġorrhom għandha tavża l-korp uffiċjali responsabbli jew il-korpi uffiċjali responsabbli rigward il-post tat-tluq u l-post tad-destinazzjoni, kif ukoll rigward il-kwantitajiet u l-identità tal-kaxxi konċernati.

F'każ li l-kaxxi jinħażnu wara l-kontrolli, kif imsemmi fl-Artikolu 3, f'post differenti mill-post fejn twettqu dawk il-kontrolli, il-persuna li taħżinhom għandha tavża l-korp uffiċjali responsabbli rigward il-post ta' ħżin kif ukoll rigward il-kwantitajiet u l-identità tal-kaxxi konċernati.

Artikolu 5

In-notifika tan-nuqqas ta' konformità

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra b'kull konsenja li ma tikkonformax mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness.

Din in-notifika għandha ssir mhux aktar tard minn tlett ijiem tax-xogħol wara d-data meta l-korp uffiċjali responsabbli jsir jaf b'kunsinna bħal din.

Artikolu 6

L-irrappurtar dwar l-importazzjonijiet

L-Istat Membru tal-ewwel post ta' ħżin, li ma jkunx il-punt tad-dħul, kif imsemmi fl-Artikolu 2(1), għandu jipprovdi lill-Kummisjoni u l-Istati Membri oħrajn, sal-31 ta' Jannar ta' kull sena, b'informazzjoni dwar in-numru ta' kunsinni introdotti fit-territorji tagħhom u rapport dwar il-kontrolli msemmija fl-Artikolu 3 mwettqa bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru tas-sena ta' qabel.

Artikolu 7

Id-data ta' skadenza

Din id-Deċiżjoni għandha tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2017.

Artikolu 8

Id-destinatarji

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Frar 2015.

Għall-Kummissjoni
Vytenis ANDRIUKAITIS
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

IL-KUNDIZZJONIJIET GĦALL-KAXXI, KIF IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 1

Il-kaxxi msemmija fl-Artikolu 1 għandhom jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(1) Dawn juru marka li tikkonferma li ġew manifuatturati mhux aktar tard mill-31 ta' Awwissu 2007.

(2) Dawn juru marka li tindika li ġew trattati bi preżervant tal-injam approvat mill-Aġenzija għall-Ħarsien tal-Ambjent tal-Istati Uniti tal-Amerika.

(3) F'każ li dawn il-kaxxi ssewwew mill-1 ta' Settembru 2007, l-injam użat, għal dak il-għan, jissodisfa l-kundizzjonijiet stipulati fil-punt 2 tat-Taqsima I tal-Parti A tal-Anness IV tad-Direttiva 2000/29/KE.

(4) Il-kaxxi huma magħmula minn injam bla qoxra, bl-eċċezzjoni ta' kwalunkwe numru ta' biċċiet tal-qoxra li jidhru separati u distinti b'mod ċar li huma konformi ma' wieħed minn dawn ir-rekwiżiti li ġejjin:

(a) huma anqas minn 3 cm fil-wisa' (irrispettivament mit-tul); jew

(b) jekk huma akbar minn 3 cm fil-wisa', l-erja totali tal-wiċċ ta' kull biċċa qoxra tas-siġar hija anqas minn 50 cm^2.

(5) Il-livell tal-kontenut tal-umdità tagħhom mhuwiex aktar minn 20 %.

(6) Dejjem kienu maħżuna f'bini magħluq u trasportati f'kontenituri magħluqa, jew taħt għata protettiva sħiħa.

(7) Ikunu akkumpanjati minn dokument maħruġ mid-Dipartiment tad-Difiża tal-Istati Uniti tal-Amerika li jikkonferma l-konformità tal-kundizzjonijiet stipulati fil-punti (4), (5) u (6).